MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## MICHAEL MALLIA

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2012

Appell Kriminali Numru. 513/2011

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Renald Micallef**

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli:

Meta b’diversi atti maghmulin minnhu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b’rizoluzjoni wahda bejn Gunju, 2011 u Settembru 2011, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b’ kuntratt naqas li jghati lil Rachelle Micallef u/jew lil uliedu is-somma iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghal-ulied fi zmien hmistax il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-30 ta’ Novembru, 2011, li biha, wara li rat l-artikoli 18 u 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta sabet lill appellant hati u kkundannatu ghal-gimghatejn detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fid-9 ta’ Dicembru, 2011, li bih talab li b’ referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali moghtija mill-Qorti Kriminali tal-Familja nhar l-Erbgha, 30 ta’ Novembru, 2011, fil-kawza kriminali fl-ismijiet ‘Pulizija Ezekuttiva –vs- Renald Micallef: ID. Number 560775M’, kawza numru 37 fuq il-lista tal-kawzi quddiem l-ewwel Qorti ppresedut mill-Magistrat Dr. Antonio Giovanni Vella, LL.D., b’referenza ghal-fatti fil-Qosor u ghar-ragunijiet ta’ l-appell mmsemmija u indikat umilment talab lil din il-Qorti sabiex:

i. Is-Sentenza citata tigi mhassra u ddikjarata nulla w nvalida minhabba li l-akkuza li biha, li kontra tieghu tressaq l-appellanti u li giet anke citata f’dan ir-rikors ta’ l-Appell Kriminali ma ssibx komfort u mhijiex skond il-vot tal-Ligi nkwadrat fl-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 [Kodici Kriminali] tal-Ligijiet ta’ Malta u dana ghal-ragunijiet imfissra fl-appell.
ii. Illi ghaldaqstant l-appellanti mputat rikorrenti kwerelat ghandu jigi lliberat minn kull forma ta’ htija a bazi ta’ din is-sottomissjoni legali li hawn fuq giet sottomessa u ghal ragunijiet fattwali u legali illi nghataw fil-korp fl-intier tieghu ta’ r-rikors ta’ l-Appell kriminali odjern

Illi jekk ghal-grazzja ta’ l-argument din il-wisq Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Kriminali tkun ta’ fehma diversa li m’hemmx gustifikazzjoni legali ghala s-sentenza indikata tat-30 ta’ Novembru, 2011 kontra l-appellanti m’ghandiex tilqa` t-talba ghat-thassir u tiddikjara s-sentenza tat-30 ta’ Novembru, 2011 bhala wahda nulla w invalida, allura alternattivament din il-wisq Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Kriminali ghandha tibdel is-sentenza citata u tirriformaha fis-sens illi l-appellanti ma kellu qatt jintbghat gimghatejn detenzjoni u dana minhabba dak li gie mfisser fid-dawl ta’ l-artikolu 338(z) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta billi l-

appellanti qatt ma kien recidiv f'kontravenzjoni taht dan il-paragrafu u allura fic-cirkostanzi ma kien hemm ebda gustifikazzjoni la legali u lanqas fattwali ghala l-appellanti kellu jigi kkundannat ghal-gimghatejn detenzjoni meta l-appellanti wera bic-car u mid-dokumenti esebit ma thalla ebda dubju li huwa qatt ma kellu ebda ntenzjoni li jmur kontra xi ordni valida ta' Qorti kompetenti li ssib serhan f'xi vot ta' artiklu tal-Ligijiet ta' Malta, li a bazi tas-sottomissjonijiet ta' l-istess appellant f' adan ir-rikors ta' l-appell odjern w anke kif eccepit verbalment quddiem l-ewwel Qorti, jirrizulta car li l-Artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali qatt ma kellu jigi applikat a bazi tad-Digriet tal-Qorti Civili: Sezzjoni Familja ta' l-10 ta' Gunju, 2011 kif gie mfisser.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-

a) Illi rrizulta manifestament anke mill-provi prodotti li l-appellanti qatt ma kellu xi ntenzjoni li jinjora xi ordni ta' Qorti kompetenti skond il-vot tal-Ligi u dana kien manifest kemm a bazi tal-fatt illi l-appellanti dejjem onora d-digriet tal-Qorti tal-Familja tat-18 ta' Ottubru, 2010, (u dana assodat minn dokument li esebiet l-istess appellata kwerelanti), u ghaldaqstant dan juri car li l-appellanti qatt ma kellu xi ntenzjoni li jikser xi ordni valida ta' Qorti kompetenti skond il-vot tal-ligi imma li waqaf jghamel dan wara li gie varjat id-digriet tat-18 ta' Ottubru, 2010, u sostitut id-digriet tal-10 ta' Gunju, 2011 li mhuwiex assodat minn ebda vot tal-Ligi partikolarment l-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, apparti mill-fatt li finanzjarjament ma felahx ihallas l-ammont ta' seba` mitt euro (€700) fix-xahar ghal-uliedu minuri, liema somma kellha tinkludi nofs l-ispejjez ta' sahha w edukazzjoni u li pprezenta diversi rikorsi quddiem il-Qorti tal-Familja biex jikkontesta skond il-ligi dan id-digriet tal-Qorti Civili: Sezzjoni Familja datat 10 ta' Gunju, 2011, u allura certament ma kellux jigi kkundannat mill-Ewwel Qorti nhar l-Erbgha, 30 ta' Novembru, 2011, b' gimghatejn detenzjoni.

b) Illi l-appellant hassu aggravat ukoll kif l-eccezzjoni li ssolleva huwa permezz ta' l-avukat difensur tieghu fl-awla

ezatt wara li l-prosekuzjoni ddikjarat li ma kelliex aktar provi u qabel ma ddepona bil-gurament l-istess appellant, meta giet ssollevata l-eccezjoni mid-difiza li l-artikolu tal-ligi li gie ccitat u li a bazi tieghu gie akkuzat l-appellanti, bl-ebda mod ma kien jirrispekja l-kontenut tad-digriet tal-Qorti tal-Familja, ta’ l-10 ta’ Gunju, 2011, fis-sens illi l-Artikolu 338(z) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jaghmilha cara li l-akkuza tista` ssir biss ghal dak li huwa nuqqas ta’ hlas tas-somma tal-manteniment meta fid-digriet tal-10 ta’ Gunju, 2011 imkien ma hemm imnizzel il-kelma manteniment kif kien hemm perezempju fid-digriet tat-18 ta’ Ottubru, 2010 u ghaldaqstant id-digriet tal-10 ta’ Gunju, 2011 tal-Qorti Civili, Sezzjoni tal-Familja bl-ebda mod ma jaqa fil-konfini u taht il-vot tal-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, eccezzjoni li giet sollevata mid-difiza verbalment quddiem dawk kollha prezenti fl-awla wara li l-prosekuzzjoni ddikjarat li m’ghandiex aktar provi u qabel ma beda jiddeponi l-imputat, imma li ghal xi raguni jew ohra bl-ebda mod ma giet rregistrata apparentament fl-atti processwali ta’ l-akkuza fil-konfront ta’ l-appelanti: dana huwa t-tieni aggravju.

c) Illi d-digriet ta’ l-10 ta’ Gunju, 2011, moghti mill-Qorti Civili: Sezzjoni tal-Familja, ppresedut mill-Onorevoli Mhallef Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur Law), jaghmilha cara li s-seba mitt ewro (€700) fix-xahar ghal-ulied jinkludu nofs l-ispejjez ta’ sahha w edukazzjoni li allura huwa evidenti li hemm linja ta’ demarkazzjoni bejn ghal-grazzja ta’ l-arguemnt dak li jista jigi meqjus bhala manteniment u dak li ghandu jigi meqjus bhala spejjez ghal-sahha u edukazzjoni li d-digiret ta’ l-10 ta’ Gunju, 2011, bl-ebda mod ma jispecifika x’ ghandu jkun l-ammont ta’ manteniment tant hu hekk li lanqas biss il-kelma manteniment ma qatt intuzat meta l-artiklu 338(z) tal-Kapitlu 9 tal-Kodici Kriminali jghamilha enfatikament kategorika li ghandu jkun hemm il-kelma manteniment mnizzla u ghalhekk taht l-ebda cirkustanzi ma seta l-appellanti jitressaq akkuzat taht l-artikolu 338(z) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u wisq inqas misjub hati mill-Ewwel Qorti li ma hallas il-manteniment meta l-fatti jindikaw totalment differenti.

d) Illi jirrizulta manifestament ukoll illi l-appelanti mhux ma hallasx imma hallas ammonti li mhumiex l-istess bhal

dawk tad-digriet tas- seba` mitt ewro (€700) fix-xahar u dan ghal-ragunijiet illi fl-ewwel lok ma felahx ihallas seba` mitt ewro fix-xahar, fit-tieni lok dawna bl-ebda mod ma kienu jinkwadraw ruhom bhala manteniment ut sic imma kellhom jigu regolati minn ricevuti li jindikat x'kienu l-ispejjez abbinati mas-sahha w edukazzjoni tal-minuri, u fit-tielet lok sempliciment fuq rapport li ghalet l-Avukat tat-Tfal Dr. Mary Muscat, il-Qorti tal-Familja pprojbiet lit-tifla milli tara lil missierha, sitwazzjoni li ilha hekk ghal-diversi xhur u li l-appellanti qed joggezzjona talli huwa bhala missier gie mcahhad bi vjolazzjoni ta' drittijijet u libertajiet fundamentali tieghu milli jara lil bintu u bintu tara lilu meta huwa dritt fundamentali tieghu bhala missier li jara lil bintu u bintu tarah biex ma jigix pregudikat il-bondage bejn il-genitur u l-ulied minuri u dana huwa aggravju iehor.

e) Illi aggravju iehor huwa l-fatt illi anke kieku ghal-grazzja ta' l-argument (u hawn terga` tigi enfasizzata l-frazi ghal-grazzja ta' l-argument) l-ewwel Qorti dehrilha li kellha ssib lill-appellanti hati, li naturalment l-appellanti ma jaqbilx ma din il-konkluzjoni ghar-ragunijiet validissimi li qeghdin jinghataw, l-istess artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 jghamilha cara 'Izda wkoll meta l-hati ikun recidiv f' kontravenzjoni taht dan il-paragrafu l-hati jista` jehel piena ta' detenzjoni ta' mhux izjed minn tliet xhur jew multa ta' mhux izjed minn mitejn euro jew prigunerija ghal-zmien mhux izjed minn xaharejn', meta huwa ovvju li l-appellanti ma kienx recidiv w allura taht l-ebda cirkustanza ma' l-ewwel Qorti ma setghet tordna d-detenzjoni ta' gimghatejn lill-imputat fil-facilitajiet korrettivi ta' Kordin jew f' kull lok iehor li jikkwalifika bhala habs skond il-Ligijiet u r-regolamenti enforzabbli f' Malta.

f) Illi ma setghet qatt issir referenza ghal-artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta billi dana jaghmel referenza ghal reat kontinwat waqt illi fl-akkuza in ezami qed issir referenza ghal-kontravenzjoni fid-dawl ta' l-artikolu 338(z) w allura l-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali zgur ma jistax ikun applikat fil-kaz in ezami iktar w iktar meta hemm kontestazzjoni li ma tistax tigi nnegata li bl-ebda mod id-digriet tal-Qorti tal-Familja ta' l-10 ta' Gunju, 2011 jaghmel b' xi mod xi referenza ghall-manteniment u jekk ghal-grazzja ta' l-argument nghidu li iva jaghmel referenza ghall-manteniment, certament hemm somma li

ghandha tinkludi nofs l-ispejjez ta’ sahha w edukazzjon u li mhijiet specifikata u li l-uniku mod kif dina tigi specifikata hija li jigu pprezentati ricevuti da parti ta’ l-appellata Rachelle Micallef relatati ma l-ispejjez ta’ sahha u ta’ edukazzjon: dana bl-ebda mod ma gie mfisser jew sostanzjat quddiem l-Ewwel Qorti u ghaldaqstant dan huwa aggravju iehor.

g) Illi s-sentenza ta’ l-ewwel Qorti taghmilha cara li din hija akkuza li tirrelata dwar manteniment w ghalhekk l-ewwel Qorti sabet lill-appellanti hati mentri l-appellanti anke permezz ta’ eccezzjoni sollevata verbalment fl-awla pero` li ma gietx registrata fl-atti processwali ghal-xi raguni jew ohra mid-Deputat Registratur li kienet qeghda tippresjedi fl-Awla, bl-ebda mod ma d-digriet ta’ l-10 ta’ Gunju, 2011 jirreferi ghall-manteniment u kwindi qatt ma kellu jinstab hati l-appelanti a bazi ta’ l-akkuza mressqa kontra tieghu u li f’ din l-inkwadratura qieghed jintavola l-appell odjern

h) Illi l-appellanti jikkontesta d-digriet ta’ l-10 ta’ Gunju, 2011, permezz ta’ procedura quddiem il-Qorti Civili: Sezzjoni tal-Familja waqt is-smiegh tal-provi fil-proceduri tal-Firda Legali bejn il-kontendenti konjugi Renald u Rachelle Micallef u dana minhabba bazikament l-ingustizzja li sehhet fl-ewwel lok minn manteniment ta’ erba` mitt ewro (€400) kull erbgha gimghat effettivi mit-18 ta’ Ottubru, 2010, f’ perjodu qasir ta’ tmien xhur, il-Qorti tal-Familja awmentat dan l-ammont bi tlett mitt ewro (€300) ohra kull erba` gimghat u minn erba` mitt ewro (€400) saru seba` mitt ewro (€700) fix-xahar ghal-ulied minuri, u barra minn dan gie kkastigat l-appellanti minghajr ebda raguni li ssib serhan fil-Ligijiet ta’ Malta u fid-drittijiet u libertajiet fundamentali ta’ l-appellanti li dana ilu xhur isa ma jara l-bintu minuri minkejja nomina tal-Qorti tal-Familja ta’ Psikoterapista lid an Alla jbierku f’ dan l-istess perjodu ta’ diversi xhur, lanqas biss indenja jiffissa xi seduta halli jigi sorvolat dan in-nuqqas enormi u li qed jaghmel hafna hsara kemm lit-tfal minuri, kemm lil bint minuri partikolarment w anke psikologikament lill-appellanti li dan irid jara kif ghandu dritt li jara lil bintu minuri u din hija l-inkwadratura umanitarja li kellha zzomm quddiem ghajnejha l-ewwel Qorti u mhux tikkundanna lill-appellanti ghal-gimghatejn detenzjoni iktar w iktar meta

hemm kontestazzjoni li l-artikou 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta bl-ebda mod ma huwa l-artikolu li kellha ssir referenza ghalih bl-allegat ksur da parti ta' l-appellanti Renald Micallef tad-digriet tal-10 ta' Gunju, 2011.

Rat il-verbal tad-19 ta' April, 2012 fejn il-parti civili infurmat lill-Qorti illi irciviet minn ghand l-appellant l-ammonti kollha li dwarhom saret din il-kawza u ghal dak li jirrigwarda din il-kawza m'hemmx aktar pendenzi mieghu.

Rat ukoll in-nota tal-istess appellant li permezz taghha huwa irtira l-aggravji kollha tieghu salv dak dwar il-piena.

B'sentenza studjata tat-30 ta' Novembru 2011 l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghal gimghatejn detenzjoni. Evidentement din is-sentenza kellha l-effett mixtieq ghax fil-mori ta' dan l-appell jidher illi l-appellant gie f'sensih u hallas dak illi huwa dovut lil parti civili. Dan il-pass ma jiskolpahx mill-htija ghad li jista` jkun kaz ta' temperament fil-piena.

Fil-kawza "Il-Pulizija vs Publius Said" deciza fil-25 ta' Settembru 2003 il-Qorti qalet :
***« l-iskop tal-legislatur, meta introduca din il-kontravenzjoni fil-Kodici Kriminali fl-1983(bl-emenda tal-1986) kemm li ssir presjoni fuq id-debituri rikalcitranti biex jonoraw l-obbligi taghhom u mhux biss timpedixxi l-ksur tal-ordnijiet, digrieti jew sentenzi tal-Qorti, ordnijiet li ghandhom dejjem jigu osservati skrupolozament jew il-ksur ta' stipulazjonijiet kontrattwali bejn il-konjugi. F'dan il-kaz dan l-ghan intlahaq u ghalhekk hemm lok ta' temperament fil-piena ..... »***

Dan huwa proprju dak li gara f'dan il-kaz. Illi pressjoni kienet effettiva u issa l-appellant osserva l-obbligazzjonijiet tieghu u din il-Qorti tispera li jibqa` jaghmel dan fil-futur.

Ghal dawn il-motivi u fl-isfond tan-nota tal-appellant tad-19 ta' April, 2012 il-Qorti tilqa` l-appell u fil-waqt li

tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn sabet htija, tirriformaha ghal dak li jirrigwarda l-piena u minflok gimghatejn detenzjoni tillibera lill-appellant taht il-kondizzjonijiet tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------